# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

## Magistrat Dr. Yana Micallef Stafrace LL.D.

Pulizija

(Spettur Charlotte Curmi)

Vs

Ahmad Aljoma

Illum 28 ta' Ottubru 2024

Il-Qorti

Rat l-imputazzjonijet fil-konfront ta' Ahmad Aljoma imwieled Syria fl-1 ta` Jannar, 1983 u joqghod 31, il-Kenn, Triq Hal Qormi, Birkirkara.

ID: 188565A

Billi int akkuzat fis-16 ta` ta` Marzu, 2020 ghall-habta ta' 19.25 hrs gewwa Triq Hal Qormi, Birkirkara u gewwa dawn il-gzejjer soqt vettura b'numru ta' registrazzjoni PNI3WWS ta` l-ghamla Range Rover;

1. Minghajr ma kont kopert b`polza tas-sigurta` dwar riskji ghal-terzi persuni.
2. U talli soqt l-istess vettura minghajr ma kienet licenzjata mill-Awtorita` ghat-Trasport f`Malta biex tintuza fit-triq.
3. Kif ukoll soqt l-imsemmija vettura minghajr ma kellek licenzja tas-sewqan mahruga mill-Awtorita` ghat-Trasport f`Malta that dik il-kategorija specifikata biex issuq l-imsemmija vettura.

**4.** U aktar talli snqast li tipproduci lil Pulizija l-polza tal-assigurazzjoni tal-vettura fi zmien skond il-ligi.

**5.** Talli nqast li tipproduci lill-Pulizija jew lill-Awtorita` il-licenzja tas-sewqan skond il-ligi.

**6.** U aktar talli soqt l-imsemmija vettura b`manjiera traskurata.

**7.** Kif ukoll fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi waqt li kont qed taghmel uzu mill-imsemmija vettura, b`nuqqas ta` hsieb jew bi traskuragni jew b`nuqqas ta` hila fl-arti jew professjoni tieghek, jew b`nuqqas ta` tharis ta` regolamenti, ikkagunajt hruq jew ghamilt xi hsara jew gharraqt xi haga ghad-dannu ta` Sergio Arturo Montebello.

**Il-Prosekuzzjoni titlob li tigi skwalifikat/a mill-licenzji kollha tieghek tas-sewqan.**

Rat l-artikoli 15(1)(a) (2) tal Kap 65 u Artikolu 226 (1)(b) (c) tal- Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta

Semghet ix-xhieda kollha prodotta mill-Prosekuzzjoni.

L-imputat ghazel li ma jixhidx.

Rat l-atti kollha u x-xhieda u dokumentazzjoni kollha prodotta.

Semghet it-trattazjoni.

**<u>Ikkunsidrat</u>**

**<u>Sergio Montebello,</u>** xehed hekk

Xhud: Iva nahlef, mela dan gara fis-16 ta` Marzu 2020 ghall-habta tas-6.30 ta` filghaxija ircevejt telefonata minghand il-girien fejn qaluli li is-sinjur hanwekk dahal bil-karozza u faqali l-parapett u ghamilli,

Qorti: Inti rajtu jidhol fl-parapett?

Xhud: No ma kontx id-dar jiena.

Qorti: Inti igifieri qed tghidli li hu ghax qed tarah bhal imputat?

Xhud: Iva.

Qorti: Qed nurik dar-ritratti DOK B1 sa B8 x`tista tghidli dwarhom please?

Xhud: Mela din hija l-propjeta tieghi hawnekk DOK B2 propjeta tinstab Pathways Apartment Triq Qormi, B`Kara u meta nasal fuq il-post tal-accident insib dan kollu.

Qorti: Dak li ghandek hemmekk qed tara qed tikkonferma li sibt?

Xhud: Nikkonferma igifieri il-hsarat, prattikament umbaghad issejhu l-pulizija ippruvajt nifthiem mas-sinjur ukoll igifeiri biex ihallasli l-hsarat.

Qorti: Issa meta tghid ippruvajt, is-sinjur kif dahal fl-istorja inti ma rajtux?

Xhud: No jien ma rajtux insibu hemmekk sibtu hemmekk fuq il-post flimkien mal-pulizija prattikament ippruvajna,

Qorti: Qed tarfu bhala l-imputat igifieri il-persuna li rajt fuq il-post?

Xhud: Iva, umbaghad pratikament il-karozza tnehhiet bdejt narhom fl-ghaxija u ippruvajt nirranga mieghu biex nasslu fi ftehiem ippruvajt nikkuntattjah l-ghada gie niftakar qalli isam anzi hallasli int gahx ghandek l-insurance umbaghad jiena ippruvajt nipprova nirranga mieghu meta bdejt nipprova ncempillu qatt ma kelli risposta niftakar u dahhalt l-insurance tad-dar u hallsuli l-ispejjez l-insurance tad-dar dak kollox.

Pros: Inti rajt lis-sinjur hdejn il-karozza?

Xhud: Iva kien qieghed hemmekk prezenti waqt il-hin tal-accident jien ma kontx hemmekk id-dar.

Qorti: Le le inti li tista tghidli li rajtu hemmekk wara l-incident hdejn il-karozza?

Xhud: Iva ezatt.

Qorti: X`kien u ma kienx il-posizzjoni tieghu dwar l-incident int ma tistax tghidli ghax ma kontx prezenti?

Xhud: Ezatti.

Pros: M`ghandix iktar mistoqsijiet.

Avu: Ghandek xi korrospondenzi illi kellek mas-sinjur?

Xhud: No ippruvajt incempillu fuq it-telephone.

Avu: Kemm nikkonferma li dak il-hin ma kontx hemm inti?

Xhud: No ma kontx hemm mort ghax sejhuli l-girien.

Avu: Xejn izjed mix-xhud.

**PS 609 James Magro** xehed permezz ta' affidavit

**Karin Cremona** ghal Transp[ort Malta xehdet permezz ta' affidavit

**Ikkunsidrat**

Ma hemmx il-livell ta' provi rikjesti fil-kamp kriminali sabiex tinsab xi responsabilta' jew htija tal-imputatt ghal dawn l-akkuzi. L-imputat irrifjuta li jiffirma Dok A peress li ma jafx jaqra. L-istess Dok A hi bil-Malti. Mhux car l-lingwa li intuzat biex gie mitkellem l-imputat

mill-pulizija u ferm anqas jekk fhemx t-twissijiet li inghatawlu. Ma inhalaqx l-livell ta’ provi rikjest fil-kamp kriminali ta’ “beyond reasonable doubt” ta’ kif sehh l-incident.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi wara li Rat l-artikoli 15(1)(a) (2) tal-Kap 65 u Artikolu 226 (1)(b) (c) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

ma ssibx lil Ahmad Aljoma hati tal-imputazzjonji fil-konfront tieghu u tilliberah minn kull htija u piena.

**DR. YANA MICALLEF STAFRACE LL.D.**
**MAGISTRAT**

**Doris Serpina Sciberras**
**Deputat Registratur**